Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 23**

**L-ERBGĦA 31 TA' LULJU 2013 FIL-5.15PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER – 5.50PM |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier R. Rossignaud u C. Said ma setgħux jkunu preżenti peress li l-Kunsillier R. Rossignaud kellu mpenji ta' xogħol u l-Kunsillier C. Said kienet ma tiflaħx.

**TALBA**

IS- SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Sedutu nru. 22 ġew approvati. Is-Sindku ppropona u il-Kunsillier P. Fenech issekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Huwa staqsa jekk saritx il-laqgħa mal-iskejjel tal-lingwi fil-lokalita (Feltom). Is-Sindku nforma li dan il-laqgħa għadha ma saritx.

2. Il-Kunsillier staqsa biex jekk hu possibli r-rapporti li jibgħat il-Perit jkunu fil-format ta' PDF b' hekk kull Kunsillier jkollu aċċess għal dawn id-dokumenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jinforma lill-Peirt tal-Kunsill.

3. Rigward l-appuntament li kellu jsir mal-Kunsill Lokali tal-Għargħur dwar Triq St. Katerina / Triq is-Sebh jsiru one-way, huwa informa li peress li s-Sindku tal-Għargħur issuġerixxa li tintbagħat il-proposta tal-Kunsill bil-miktub, se tintbgaħat email b'din il-proposta'. Huwa ssuġerixxa wkoll li din is-sistema issir bi prova għall-3 xhur.

4. Il-Kunsillier irrefera għat-tabella " Żomm il-Kwiet" tinqala minn Triq is-Sidra u teħel eżatt malli tidħol mill-mini ta' Triq is-Swieqi. Il-Kunsill ikonkluda li minn dawn it-tabelli irridu jiġu ordnati tnejn oħra.

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Xogħlijiet pendenti ta' kisi bit-tarmak fil-Madliena

   Hija nfurmat li l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ma saritx minħabba nuqqas ta' qourum pero' hi nfurmat li f' din il-laqgħa hi se tressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill Draft Agreement li se jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u l-Kuntrattur Silos Ltd. Jekk il-Kunsill japprova dan il-ftehim, allura x-xogħlijiet pendenti jibdew mill-aktar fis. Dan l-agreement se jiġi diskuss aktar 'il quddiem f' din il-laqgħa.

2. Rigward l-appuntament li kellu jsir mal-Kunsill Lokali tal-Għargħur dwar Triq St. Katerina / Triq is-Sebh jsiru one-way, huwa informa li peress li s-Sindku tal-Għargħur issuġerixxa li tintbagħat il-proposta tal-Kunsill bil-miktub, se tintbgaħat email b'din il-proposta'. Huwa ssuġerixxa wkoll li din is-sistema issir bi prova għall-3 xhur.

HUGH ZAMMIT SEGRETARJU EŻEKUTTIV | NOEL MUSCAT SINDKU

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI – ikomplu

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier nforma li flimkien mas-Sindku, huwa attenda għal-laqgħa li saret fuq is-sit ta' Ċentru Ċiviku. Huwa rrimarka li x-xogħlijient li hemm pendenti qed issiru b'mod professjonali ħafna pero' għad fadal ħafna xi jsir fosthom li jiġi nstallat il-lift u l-madum tas-sala. Il-Kunsillier żied li jekk dawn ix-xogħlijiet m'humiex se jkunu lesti sal-bidu ta' Settembru 2013 se tkun diffiċli biex titella' l-attivita' Swieqi Going Green. Huwa talab sabiex mill-aktar fis jsir kuntatt mad-Direttur Ġenerali Sur R. Farrugia. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakirgu li jagħmel dan.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku rrefera għax-xogħlijiet tal-bankina ta' quddiem is-7 villel fi Triq il-Qasam. Huwa informa li kien sar ftehim li din il-bankina ma ssirx imma fir-realta' mhux biss saret imma ġiet iktar wiesgħa milli kienet qabel. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill ideċieda uninamament li jekk tippermeti l-liġi, din il-bankina ma ssirx. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikteb lill-Perit tal-Kunsill dwar din il-materja.

2. Rigward iċ-ċwievet tal-Kumpless taċ-Ċentru Ċiviku, is-Sindku nforma li hekk kif inhu pjanat, il-Kunsill se jkollu kopja ta' dawn iċ-ċwievet sa l-aħħar ta' Awwissu. Dwar smooth transfer mill-Kunsill preżenti għall-Kumpless, il-Kunsill staqsa li għandu jsir Kumitat Adhoc. Wara diskuzzjoni l-Kunsill qabel li dan il-Kumitat jkun imwaqqaf mill-Kunsillieri M. Abela u P. Fenech, membru mill-iskrivani tal-Kunsill u Segretarju Eżekuttiv.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Viċi Sindku Dr. Justin Fenech

1. Il-Viċi Sindku qara rapport dwar il-ħidma tiegħu f'dan l-aħħar xahar li jinkludi wkoll xi xogħlijiet rikjesti minn naħa tar-residenti. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti - App. A.

HUGH ZAMMIT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT
SINDKU

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Rigward il-ġbir ta'skart fil-Ħdud, il-Kunsillier informa li din is-sistema se tiġi diskussa fis-Seduti li jmiss peress li wara diskuzzjoni, il-Kunsill qabel unanimament li tigi ntrodotta iktar bi sħiħ is-sistema tal-gwardjanai lokali ta' l-ambjent. Huwa ppropona li ssir laqgħa mas-Sur David Soler dwar din il-materja. Is-Sindku ħa l-inkairgu li jiffissa dan l-appuntament.

2. Il-Kunsillier informa li min qed jieħu ħsieb il-manutenzjoni taċ-Ċentru Ċiviku għandu bżonn jaqta' sew il-ħaxix ħażin li tela' mmal-madwar. Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li dawn ix-xogħlijiet diġa' ġew irrapurtati lill-uffiċċjali ta' l-ELC.

Il-Kunsillier P. Fenech ppropona li din il-laqgħa tiġi sospiża sabiex il-Viċi Sindu jispjega j fid-dettal il-ftehim li se jiġi ffirmat mill-Kunsill u l-Kuntarttur dwar il-proġett tat-toroq pendenti fil-Madliena. Il-ħin kien 7.15pm.

Dr. Justin Fenech spejga fid-dettal il-ftehim wara li saru xi emmendi sabiex jitkompla xogħol fuq it-toroq pendenti. Wara li dan il-ftehim jiġi approvat mill-Kunsill, jiġi ffirmatt miż-żewġ partijiet involuti. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan il-ftehim. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

Il-laqgħa reġgħet bdiet fit-7.45pm.

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI**

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier informa li għadu ma rċeviex kopja tal-Minuti tal-Kumitat Amministarttiv tal-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn għad ma ntbagħtux minħabba pressjoni tax-xogħol.

2. Huwa rega' nforma li fi Triq l-Għamad quddiem residenza nru.30 u fi Triq is-Swieqi quddiem residenzu nru. 77, hemm siġra li għandha bżonn tinżabar. Il-Kunsillier insista li s-sigra quddiem ir-residenza nru.30 hemm bzonn tinqata' mmedjatament peress li qed taghti d-dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jinforma lill-residenti ikkoċernati.

3. Rigward it-tindif tal-culverts, huwa staqsa jekk ġietx ippublikata din is-sejħa għall-kwotazzjonijiet. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li din ġiet ippublika u se tagħlaq nhar it- Tnejn 2 ta' Settembru 2013 f' nofs in-nhar.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Kunsillier A. Curmi

4. Huwa staqsa fiex wasal il-proċess sabiex il-Kunsill jingħata ħaddiem manwali ieħor permezz ta' l-iskema ta' l-ETC. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lu hu diġa kiteb diversi ittri lis-Sur G. Zammit, uffiċċjal inkarigat pero' sa issa sofrtunatament mingħajr suċċess. Wara diskuzzjoni riċenti mas-Sur G. Zammit, dan wiegħed li persuna se tiġi rassenjata ma dan il-Kunsill fil-ġimgħat li ġejjin peress li fil-preżent qed isiru xi *interviews.*

5. Ġiet ppreżentata lista ta' affarijiet oħra pendenti. Din il-lista se tkun anessa ma' dawn il-Minuti – App. B.

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier M.Abela infurmat li l-ftehim dwar ir-restawr tal-Kapella tal-Madliena għadu il-Kurja peress li jonqos xi firem li huma neċċessarji sabiex dan il-Kuntratt jkun validu. Hija qrat kopja ta' dan il-kuntratt u wara diskuzzjoni, il-Kunsill ideċieda unanimament li dan jiġi approvat u malli dan id-dokument jiġi approvat mill-Kurja allura tista' ssir sejħa pubblika għall-offerti.

2. Hija nfurmat li l-Public Meeting tal-MEPA li sar f' St. Clare College Pembroke kien ta' suċċess peress li attendew diversi residenti. F' din il-laqgħa ġie spejgat li l-awtorita' m' għandix toħroġ permessi ta' appartamenti ta' inqas minn 125 square metres. Ġew diskussi wkoll problemi ta' parkeġġ. Laqgħa oħra se ssir fil-15 ta' Settembru 2013 u għal din il-laqgħa jistgħu jitressqu aktar ilmenti.

## V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

L-iskeda tal-pagamenti nru.63 ġiet approvata wara li saru xi aġġustamenti rikjesti mill-Kunsillier A. Curmi permezz ta' email datat 30 ta' Lulju 2013(mehmuz). Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri kollha prezenti.

Ġie deċiż ukoll, b'mod unanimu, li tinxtara *camera* tajba għall-Kunsill. IL-Viċi Sindku ppreżenta kwotazzjoni ta' din il-*camera* bi prezz ta' €248.00

Din il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm u saru żewġ aġġornamenti. Wieħed għal nhar it-Tlieta 20 ta' Awwissu 2013 sabiex jiġu diskussi l-proposti ta' Swieqi Fest u ieħor għal nhar l-Erbgħa 28 ta' Awwissu 2013.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **NOEL MUSCAT** |
| **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** | **SINDKU** |